MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru. 37/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Raymond Mario Cini, ta’ 17-il sena, bin Raymond u Rose Anne nee’ Muscat, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-21 ta’ Awwissu, 1991, residenti fil-fond numru 4, Triq il-Mithna, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 33691(G);**

**U**

**Karl Scicluna, ta’ 17-il sena, bin Paul u Michaelina nee’ Saliba, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar it-13 ta’ Settembru, 1991, residenti fil-fond numru , Triq il-Kappucini, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 34691(G);**

**U**

**Charlon Tabone, ta’ 17-il sena, bin Francis u Agnes nee’ Theuma, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar il-20 ta’ Ottubru, 1991, residenti fil-fond numru 15, Summerville, Triq Patri Emanuel Magri, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 1092(G);**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Raymond Mario Cini, Karl Scicluna u Charlon Tabone li gew akkuzati talli f’dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn it-3 u l-04 ta’ Mejju, 2008, u matul l-ahhar sitt xhur ta’ qabel, gor-Rabat, Ghawdex u fi bnadi ohra f’hinijiet differenti;

a) Kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom;
b) Kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta;
c) Ukoll bieghu jew xort’ohra ittrafikaw fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza;
d) U fl-ahhar nett fl-istess hin, lok u cirkostanzi kkommettew dawn ir-reati fi jew go distanza ta’ 100 metru minn perimetru ta’ skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet t’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-kunsens moghti tal-Avukat Generali tad-19 ta' Mejju, 2009;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputati liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputati, il-fedina penali nadifa tal-imputati u l-fatt illi ghal dan il-kaz hija applikabbli d-dispozizzjoni tal-Artikolu 22 (9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (a), 8 (b), 22 (2) (b), 22 (9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-akkuzi u tikkundannahom ihallsu multa ta' erba' mija u sebghin ewro (€470) kull wiehed;

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-dokument 'O' esebita fl-atti u ghal dan il-ghan qed tinnomina lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jaghmel l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------